**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Grech, iben George u Silvia xebba Vella, imwieled nhar it-28 ta' Ottubru, 1950, resident f' 133, Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 82850(G)**

***Numru: 209/2018***

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Grech,** u cioe` talli

Nhar is-27.03.2018 ghall-habta tal-16:25hrs fl-ghalqa gewwa Kercem, Ghawdex u jew f'dawn il-gzejjer:

1. Waqt stagun maghuq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) ta' L.S.594.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il- Konservazzjoni tal-

Ghasafar Selvaggi ( L.S.549.42) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-Regolamenti 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.42;

4. U aktar talli fl-istesss data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasafur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasar Selvaggi u cioe' l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal-L.S. 549.42;

5. Akkużat talli kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III ċioe' gojjin, vrieden u apparel, u meta dawk l-ghasafar ma kinux gew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) ta' LS 549.42.;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27 tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabli.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2019, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-ewwel erba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-prosekuzzjoni tirtira l-hames imputazzjoni peress li l-istess ma tirrizultax.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif inghad, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-ewwel erba imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imsemmija imputazzjonijiet kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali netta tal-imputat, tal-ammissjoni tieghu u taċ-ċirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz. Gie kkunsidrat li fir-rigward tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, filwaqt li t-tielet u r-raba imputazzjoni servew ta' mezz ai fini ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-***Kodici Kriminali***, ir-Regolamenti 4(1)(a)(e), 7(1)(d), 18(1)(c) u 27 tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42)***, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal multa' ta' €500.

Ai termini tar-regolament 27(2)(b) tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42)***, il-Qorti qed torda s-**sospensjoni** ta' kull liċenza jew permess mahruga f'isem l-imputat, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija ghal zmien **sentejn (2)** millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, todna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti in atti.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**